



Brussell, 18 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

9237/19

Fajl Interistituzzjonali:
2010/0186(NLE)

TRANS 328
RELEX 494

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Proposta emendata għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar l-Ispazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra – Talba mill-Kunsill għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Il-Ftehim imsemmi hawn fuq huwa r-riżultat tal-mandat lill-Kummissjoni, mogħti mill-Kunsill fil-11 ta' Ġunju 2009, biex tiftaħ negozjati mal-Georgia dwar ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru.
2. Fit-28 ta' Ġunju 2010, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposti tagħha għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim u dwar il-konklużjoni tal-Ftehim.
3. Il-Ftehim ġie ffirmat fit-2 ta' Diċembru 2010. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim, flimkien mat-test tal-Ftehim, ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-20 ta' Novembru 2012¹.

¹ ĠU L 321, 20.11.2012, p. 1-32.

4. Il-proċess ta' ratifika għe kkompletat mill-Istati Membri kollha fit-8 ta' Frar 2018, minbarra r-Repubblika tal-Kroazja, iżda hemm l-intenzjoni li r-Repubblika tal-Kroazja taċċedi għall-Ftehim f'konformità mal-proċedura prevista fl-Att ta' adeżjoni anness mat-Trattat ta' Adeżjoni tagħha tal-5 ta' Diċembru 2011.
5. Fit-28 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, b'mod partikolari bil-ħsieb li jittieħed kont tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-28 ta' April 2015 fil-Kawża C-28/12.
6. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni ddiskuta l-proposta emendata u laħaq qbil dwarha fit-13 ta' Lulju 2018, it-23 ta' Lulju 2018, is-26 ta' Frar 2019 u d-9 ta' April 2019.
7. Wara l-ftehim milħuq fil-livell tal-grupp ta' ħidma, it-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill emendata dwar il-konklużjoni għe rivedut mis-servizz tal-ġuristi lingwisti tal-Kunsill.
8. Bil-ħsieb tat-tħejjija għall-konklużjoni tal-Ftehim, il-COREPER huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' deċiżjoni dwar il-konklużjoni, kif jinsab fid-dokument tal-ġuristi lingwisti 9556/19, kif ukoll it-test tal-Ftehim kif jinsab fid-dokument tal-ġuristi lingwisti 14370/10, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.